MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 316/2014

**Dr. Andrew ATKINS**

**Vs**

**Yanica SCHEMBRI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-12 ta' Mejju, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimata thallsu s-somma ta' elf hames mija u tletin euro [€1,530] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi l-attur huwa dentist u ppresta servizzi lill-konvenuta. Dawn is-servizzi kienu jikkonsistu f'xi tiswijiet fuq snien il-konvenuta. Teknikament dan it-trattament kien jikkonsisti f'application of 8 clear smile aligners (invisible braces).

Illi f'Mejju tal-2013, qabel ma beda bix-xoghol tieghu, l-attur kien pprovda fee quote ossia preventivv lill-konvenuta u li hi qablet ghal din is-somma.

Illi tali preventiv kien ghal somma ta' bejn Eur2,000 u Eur2,500. Sussegwentement, cioe f'Awwissu, wara li tkellem mad-dental technician, l-attur kien f'puzizzjoni illi jistgha jaghti quote iktar preciza lill-konvenuta u l-partijiet qablu illi s-servizz kien ser jiswa Eur2,000. Illi l-attur jiftakar car illi l-konvenuta qablet ghal din is-somma.

Illi wara illi l-konvenuta qablet ma tali preventiv, l-attur beda jahdem fuq trattament. Sabiex jaghmel dan, l-attur kellu jixtri braces minghand dental technician (terza persuna). L-attur ordna tali braces, hallas ghalihom u f'Ottubru beda x-xoghol fuq halq il-konvenuta (tali pagament jirrizulta mill-annessa fattura pagata ghas-soldu [recte: saldu] markata AA02.

Fis-17 ta' Ottubru l-attur installa l-braces f'halq il-konvenuta u fis-26 ta' Novembru sar review tax-xoghol.

Ghalhekk fis-17 ta' Ottubru il-konvenuta kellha thallas is-somma ta' Eur2,000 pero minhabba li l-BOV Club Card ma thallikx tigbed dan l-ammont gie deciz li l-konvenuta thallas depozitu u l-kumplament fir-review ta' Novembru.

Fis-17 ta' Ottubru l-konvenuta halset depozitu akkont tal-prezz ta' Eur300 (anness document market AA03), bl-intendiment illi fir-review ta' Novembru kellu jithallas il-bilanc ta' Eur1,700.

Illi gara illi minhabba fi zvista tan-nurse tal-attur, certa Marthese Ebejer, fil-vista tas-26 ta' Novembru n-nurse ccargjat Eur170 minflok Eur1,700 b'shortfall ta' Eur1,530.

Illi meta l-attur induna b'dan prontament kiteb SMS lill-konvenuta sabiex thallas l-imsemmija somma. Il-konvenuta qablet illi thallas il-bilanc fil-vista illi kien imiss (cioe dik tas-7 ta' Jananr 2014).

Illi konvenjentement, il-konvenuta ma gietx ghall-vista ta' Jannar 2014 u sal-lum ghada ma halsitx il-bilanc dovut ta' Eur1,530.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportune, m'ghandhiex jaqta u jiddeciedi billi:

Jordna l-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' Eur1,530, bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-konvenuta illi minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimata** minnha mressqa fit-18 ta' Gunju, 2014 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba rikorrenti:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta ma tatx lill-attur l-inkarigu li huwa qed itenni u l-attur la

fisser lill-konvenuta l-intervent li ried jaghmel u lanqas m'gharrafha bl-ispejjez involuti.

2. Illi f'kull kaz u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat huwa eccessiv u ezagerat".

Ra l-verbal datat 11 ta' Novembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, ir-rikorrenti qieghed jitlob minghand l-intimata l-hlas tal-bilanc ta' elf hames mija u tletin euro [€1,530] u dan ghal servizzi professjonali minnu rezi fuq snien l-intimata. L-intimata da parti taghha laqat ghal din it-talba billi qalet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimata ma tatx lir-rikorrenti l-inkarigu li huwa qed itenni u li r-rikorrenti la fisser lill-intimata l-intervent li ried jaghmel u lanqas m'gharrafha bl-ispejjez involuti. Illi f'kull kaz u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, kompliet tghid l-intimata fir-risposta taghha, l-ammont reklamat huwa eccessiv u ezagerat.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti** xehed fis-seduta tat-18 ta' Settembru, 2014. Huwa beda biex qal li l-intimata kienet marret ghandu u talbitu sabiex jaghmlilha *check up* fi sniena. X'hin kienet hemm hija talbitu sabex jaghtiha xi opzjonijiet biex tkun tista tirranga s-snien taghha ta' quddiem. Huwa ta stima lill-intimata ghal procedura li kien issugerielha liema stima kienet

ta' bejn €2,000 u €2,500. Ir-rikorrenti qal li l-intimata tatu l-*go ahead* sabiex jaghmlilha din il-procedura. Sussegwentement, kien ghamlilha analizi preliminari u hareg id-*definitive treatment plan*. Kien f'dan l-istadju li huwa seta jghidilha definittivament kemm kienet ser tigi tiswa din il-procedura. Ir-rikorrenti jghid li huwa qalilha li din il-procedura kienet ser tigi tiswiha €2,000. Wara li regghet taghtu l-*go ahead* ghat-tieni darba huwa ordna tmien (8) *teeth aligners* minghand terza persuna. Ghal dawn it-tmien *aligners* ir-rikorrenti hallas is-somma ta' €950 lil Kurt Galea ta' Dental Technology Studios (ara dok. AA02 a fol. 5). Wara li dawn l-*aligners* waslu ghand ir-rikorrenti, huwa ghamel appuntament ma l-intimata sabiex ikun jista jinstallahom. Dak-in-nhar li marret biex jigu nstallati dawn l-*aligners*, hija hallset is-somma ta' €300 (ara dok. AA03 a fol. 6). Ir-rikorrenti qal lill-intimata sabiex thallas id-differenza d-darba ta' wara meta kellha terga tmur ghandu ghal visita. Meta regghet marret ghandu, jkompli jghid ir-rikorrenti, u hekk kif kienet hierga l-barra, huwa fakkarha "... *illi kellha thallas il-bilanc mill-elfejn euro u niftakar li kont ghidtilha l-kliem one seven. Ovvjament one seven tfisser elf u seba mija*" (fol. 15). Qal li l-intimata qaltlu li hekk kienet ser taghmel u "... *meta marret biex thallas lill-assistenta tieghi flok tatha elf u seba mitt euro tatha mija u sebghin euro*" (fol. 15). Huwa qal li l-assistenta tieghu dak il-hin ma kienitx gibditlu l-attenzjoni tieghu ghal dan il-fatt u kien biss meta gew biex jaghmlu r-rendikont tal-gurnata aktar tard dak-in-nhar stess li huwa nduna bid-diskrepanza. Huwa prova jcemplilha, izda ma qabadiex u minflok baghtilha SMS fejn spjegalha dak li kien gara u li hija kien ghad fadalha thallsu €1,530. Qalilha ukoll li setat thallas il-bilanc fil-visita li kien imissha. Sussegwentement, hija cemplitlu. Ir-rikorrenti jghid li ".... *Kienet nghid mahsuda pero kkonfermat li kienet ser thallas il-bilanc ta' elf hames mija u tletin euro*" (fol. 15). Ir-rikorrenti ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li l-intimata ma marritx izjed ghandu u ghalhekk ghamel din il-procedura biex thallas is-somma ta' €1,530 u cioe l-bilanc li kien ghad fadlilha thallsu.

In kontro-ezami, r-rikorrenti qal li l-intimata kienet marret fil-klinika tieghu ghal ewwel darba fid-9 ta' April, 2013. Fil-25 ta' April, 2013, waqt visita ohra, huwa kien urieha l-procedura li kien issugerielha li kellha taghmel sabiex jiddritalha sniena u kien f'din l-okazzjoni li huwa kien qalilha li din kienet ser tiswa bejn €2,000 u €2,500. Qal illi "*kieku*

*kienet qaltli li ma riditx tkompli b'din il-procedura ma kontx nordna affarijiet*" (fol. 16). Qal ukoll li dan id-diskors dwar l-*aligners* sar fil-presenza ta' Marthese Ebejer. Il-pagament mill-intimata ta' €170 sar lil Marthese Ebejer, li kienet l-assistenta tar-rikorrenti. L-istess Ebejer kienet preżenti ukoll meta r-rikorrenti qal lill-intimata li hija kien ghad fadlilha ttih l-ammont ta' €1,700. Mistoqsi kif jista jirrikonċilja dak li qal meta kellmitu l-intimata fuq it-telefon wara li kienet hallset is-somma ta' €170 u cioe li hija kienet mahsuda meta saret taf li kien ghad fadlilha thallsu s-somma ta' €1,530 mal-fatt li hija kienet taf li l-procedura kienet ser tiġi tiswa €2,000, r-rikorrenti qal li "*... jiena naraha diffiċli li persuna ghal darbtejn tikkonfermalek li trid taghmel il-procedura u f'dawk iz-zewg okkazzjonijiet jissemmew ukoll l-ammont ta' elfejn euro*" (fol. 16).

In ri-ezami, dwar il-pagament tal-€170 mill-intimata, r-rikorrenti kkonferma fis-seduta tat-23 ta' Settembru, 2014 li mill-kontijiet bankarji ma irrizultalux li dan il-pagament sar b'xi *card*.

3. **Marthese Ebejer**, assistenta tar-rikorrenti xehdet li l-ewwel darba li l-intimata kienet marret ghand ir-rikorrenti kienet sabiex taghmel *dental filling*. Ziedet tghid li kien hemm okkazzjoni fejn hija kienet talbet lir-rikorrenti jekk setatx taghmel *alignment* ta' snienha. Tghid li r-rikorrenti kien talabha "*... sabiex inġib il-video relattiv ghall-prodott li kien qieghed issemmielha u fil-fatt il-prodott intwerha*" (fol. 17). Qalet ukoll li tiftakar li r-rikorrenti, fil-presenza taghha, kien qalilha li din il-procedura kienet ser tiġi tiswa bejn €2,000 u €2,500. Xehdet li "*jiena rajt illi l-intimata aċċettat dan l-ammont*" u li "*ma kien hemm l-ebda kwistjonijiet fuq il-prezz tant li ma staqsietux mistoqsijiet lid-dentist*" (fol. 17). Ghar-rigward tal-hlas da parti ta' l-intimata ta' l-elf u seba mitt euro (€1,700) bilanċ, ix-xhud qalet li "*niftakar ukoll li meta umbaghad l-intimata ġiet biex thallas il-bilanc Dr Atkins u cioe r-rikorrenti kien qalli one seven li jiena nifhem li huma elf u seba mija, dakinhar aljenajt rasi*" (fol. 17). Qalet li dak-in-nhar, l-intimata taghtha ċekk fl-ammont ta' mija u sebghin euro u kien biss x'hin gew biex jaghlqu l-*clinic,* meta kienu qeghdin jaghmlu l-kontijiet, li r-rikorrenti gibdilha l-attenzjoni li "*... l-ammont li kellha thallas l-intimata kien ta' elf u sebgha mija u mhux ta' mija u sebghin euro*" (fol. 17). Qalet li ppruvaw icemplulha iżda ma kienitx qabdet u imbaghad intbaghtilha SMS. Mistoqsija mit-Tribunal jekk l-intimata qattx

ilmentat maghha fuq l-ammont jew li hija ma kinitx ser thallas il-bilanc ta' €1530, hija wieġbet fin-negattiv u żiedet tghid li l-intimata "*qaltli fil-fatt li kienet ser iċċempel biex taghmel appuntament liema appuntament però baqa qatt ma sar*" (fol. 18).

In kontro-ezami, qalet li bhala *dentali assistant*, hija tkun preżenti meta pazjent ikun fil-*clinic* hdejn id-dentist. Ix-xhud ma kinitx taf jekk l-intimata hallsitx fi flus kontanti jew b'card u dan peress li kien ghadda z-zmien. Ghar-rigward ta' *statements*, ix-xhud qalet li ġeneralment ma jintbaghtux *statements*.

4. **L-intimata**, fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk ir-rikorrenti qattx semmiela s-somma ta' elfejn jew elfejn u hames mitt euro hija wieġbet fin-negattiv. Qalet li "*kieku issemmew dawn ic-cifri jien ma kontx naghmilhom. Jiena ma kontx ser inhallas elfejn euro biex naghmel dawn l-aligners*" (fol. 19). L-intimata qalet li tiftakar li meta kienet il-*clinic* tar-rikorrenti "... *b'mod ta' cajta qalli two five u jien kont ghidtlu mitejn u hamsin il-wahda u dan peress li kien semmieli l-ammont ta' ghaxar aligners*" (fol. 19). Tghid li r-rikorrenti kien qalilha mitejn u hamsin u skond hi qalilha li "*jekk trid inzommlok mitejn u hamsin il-wahda, inzommlok*" (fol. 19). Mistoqsija mit-Tribunal ghalfejn hallset is-somma ta' tlett mitt euro (€300) meta hija kienet ghadha kif qalet li l-*aligners* kienu ta' mitejn u hamsin euro (€250) hija qalet li fehmet li l-hamsin euro (€50) kienu ta' idejh u l-bilanc tal-*aligners*. B'referenza ghall-pagament ta' mija u sebghin euro (€170) hija qalet li hasbet li dan l-ammont kien ghat-tlett *check ups*. Qalet li qatt ma ffirmat karti kemm kienu ser jiġu dawn l-*aligners* u li meta hija hallset il-€170 dak kien in *full and final settlement*.

In kontro-ezami, l-intimata qalet li hija *restaurant manager* u tiehu hsieb l-*operations* tieghu u allura kellha ċerta responsabbilita fuq spallitha. Qalet li fiz-zewg okkazzjonijiet hija dejjem hallset bil-*credit card* tal-Bank of Valletta. L-intimata obbligat ruhha li tesebixxi l-istatement bankarju li juri li hija kienet ghamlet iz-zewg hlasijiet bil-*card*. Qalet ukoll li hija qatt ma inghatat riċevuta mir-rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. L-intimata, minkejja li stqarret li hija kienet sejra tippreżenta l-siattement bankarju taghha in sostenn tal-fatt li hija ghamlet iz-zewg pagamenti lir-rikorrenti bil-*card* baqghet ma ghamlitx dan. Mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa konvint mill-veracita tat-talba tar-rikorrenti u li l-intimata kienet taf kemm kienu ser jiġu jiswew dawn it-*teeth aligners*. Dan ikkonfermatu ukoll l-addetta tar-rikorrenti Marthese Ebejer. L-intimata baqghet ma semmiet xejn dwar l-SMS li kienet intbaghtitilha mir-rikorrenti wara dak-in-nhar li hija kienet hallset l-ammont ta' €170 lir-rikorrenti u lanqas ma semmiet xejn ghar-rigward tat-telefonata li hija ghamlet lill-istess rikorrenti wara li huwa kien baghtilha din l-SMS u ma setax jaqbadha bit-telefon. Da parti taghhom, ir-rikorrenti kienu ċari fix-xhieda taghhom u konvinċenti. L-imsemmija Marthese Ebejer qalet li l-intimata kienet cemplitilha lura u talbitha taghmlilha appuntament mar-rikorrenti ghal visita. L-istess xhud, mistoqsija jekk l-intimata kienitx ilmentat maghha fuq dan l-ammont ta' bilanċ li kien ghad fadal, hija wieġbet fin-negattiv. Ir-rikorrenti stess jghid li ghalkemm l-intimata kienet mahsuda bl-ammont meta hija kienet ċemplet lura, "*... jiena naraha diffiċli li persuna ghal darbtejn tikkonfermalek li trid taghmel il-procedura u f'dawk iz-zewg okkazzjonijiet jissemmew ukoll l-ammont ta' elfejn euro*" (fol. 16). Ghalhekk, l-eccezzjonijiet ta' l-intimata ma jregux u sejrin jiġu michuda.

6. Ghar-rigward ta' l-ammont reklamat, it-Tribunal huwa sodisfatt bil-provi mressqa u jikkunsidra l-istess bhala ppruvat skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha imqanqla mill-intimata inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti kif dedotta u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-istess intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf hames mija u tletin euro [€1,530] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-prezentata ta' din it-Talba u cioe mill-5 ta' Mejju, 2014 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ghandhom ikunu kollha a karigu ta’ l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------